# L-EDUKAZZJONI U T-TAĦRIĠ VOKAZZJONALI

B'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, ir-responsabilità għas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ hija tal-Istati Membri, filwaqt li l-Unjoni Ewropea għandi biss rwol ta' appoġġ. Madankollu, għadd ta' sfidi futuri huma komuni għall-Istati Membri kollha - b'mod partikolari t-tixjiħ tas-soċjetà, in-nuqqas ta' ħaddiema tas-sengħa kwalifiki, il-kompetizzjoni dinjija u l-edukazzjoni fit-tfulija bikrija - u għalhekk jitolbu rispons konġunt, kif ukoll kollaborazzjoni u tagħlim reċiproku bejn il-pajjiżi[1].

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

Filwaqt li t-taħriġ vokazzjonali kien identifikat bħala qasam ta' azzjoni Komunitarja mit-Trattat ta' Ruma fl-1957, l-edukazzjoni kienet rikonoxxuta formalment bħala qasam ta' kompetenza tal-UE mit-Trattat ta' Maastricht fl-1992. It-Trattat jgħid li l-Komunità "għandha tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' edukazzjoni ta' kwalità billi tinkoraġġixxi koperazzjoni bejn l-Istati Membri u, jekk ikun meħtieġ, billi tappoġġa u tissupplimenta l-azzjonijiet tagħhom, filwaqt li tirrispetta għalkollox ir-responsabilità tal-Istati Membri għal dak li hu kontenut ta' tagħlim u l-organizzazzjoni ta' sistemi ta' edukazzjoni u d-diversità kulturali u lingwistika tagħhom".

It-Trattat ta' Lisbona żamm id-dispożizzjonijiet dwar ir-rwol tal-UE fl-edukazzjoni u t-taħriġ (It-Titolu XII, l-Artikoli 165 u 166), filwaqt li żied dispożizzjoni li tista' tiġi deskritta bħala 'klawżola soċjali' orizzontali. Fil-fatt, l-Artikolu 9 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jgħid hekk: "Fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet tagħha, l-Unjoni għandha tqis ir-rekwiżiti marbuta mal-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjieg, mal-garanzija ta' protezzjoni soċjali xierqa, mal-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali kif ukoll ma' livell għoli ta' edukazzjoni, taħriġ u protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem".

Barra minn hekk, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li għandha l-istess valur legali bħat-Trattati (l-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) tiddikjara li: "Kull persuna għandha d-dritt għall-edukazzjoni u li jkollha aċċess għall-formazzjoni professjonali u kontinwa" (l-Artikolu 14) u li "kull persuna għandha d-dritt li taħdem u li twettaq xogħol magħżul jew aċċettat liberament" (l-Artikolu 15).

## L-OBJETTIVI

Fil-politiki u fl-azzjonijiet tagħha, l-Unjoni jeħtiġilha tqis ir-rekwiżiti marbuta mal-promozzjoni ta' livell għoli ta' edukazzjoni u taħriġ tul il-ħajja, il-mobilità tal-istudenti

[1]Għal aktar informazzjoni, ara l-Iskeda Informattiva 3.6.4 dwar l-Edukazzjoni Għolja.

u tal-għalliema fl-Ewropa kif ukoll l-iżvilupp ta' sens ta' appartenenza fl-Unjoni. Għal dan il-għan, f'komunikazzjoni ppubblikata f'Settembru 2020 (COM (2020)0625), il-Kummissjoni ddeskriviet "Żona Ewropea tal-Edukazzjoni" b'sitt dimensjonijiet: il-kwalità tat-tagħlim u tat-taħriġ, l-inklużjoni, it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, l-għalliema u l-ħarrieġa, l-edukazzjoni għolja, id-dimensjoni ġeopolitika.

Il-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ET 2020) jippreżenta l-istrumenti u l-modalitajiet tal-kooperazzjoni fil-livell tal-Unjoni Ewropea. Jistabbilixxi wkoll lista ta' għanijiet li għandhom jintlaħqu sal-2020:

— mill-inqas 95 % tat-tfal ta' bejn l-erba' snin u l-età tal-edukazzjoni primarja obbligatorja għandhom jipparteċipaw f'edukazzjoni tat-tfulija bikrija (perċentwal tal-2020: 94.8 %);

— il-perċentwal ta' żgħażagħ ta' 15-il sena li m'għandhomx ħiliet suffiċjenti fil-qari, fil-matematika u fix-xjenza għandu jkun ta' inqas minn 15 % (perċentwal tal-2020: 22.5% għall-qari, 22.9 % għall-matematika u 22.3 % għax-xjenza);

— il-perċentwal ta' studenti li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ għandu jkun inqas minn 10 % (perċentwal tal-2020: 10.2 %);

— il-perċentwal ta' persuni ta' bejn 30 u 34 sena li jkollhom edukazzjoni terzjarja għandu jkun mill-inqas 40 % (perċentwal tal-2020: 40.3 %);

— bħala medja, mill-inqas 15 % tal-adulti (ta' bejn il-25 u l-64 sena) għandhom jipparteċipaw f'attivitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja (perċentwal tal-2020: 10.8 %);

— mill-inqas 20 % tal-gradwati terzjarji u 6 % ta' dawk bejn it-18 u l-34 sena bi kwalifika vokazzjonali inizjali għandhom ikunu lestew parti mill-istudji jew mill-apprendistati tagħhom barra minn pajjiżhom (perċentwal ta' edukazzjoni terzjarja fl-2018: 13.5 %);

— il-perċentwali ta' gradwati impjegati (persuni ta' bejn l-20 u l-34 sena li jkunu kkompletaw b'suċċess l-edukazzjoni sekondarja għolja jew l-edukazzjoni terzjarja) li jkunu telqu l-edukazzjoni bejn sena u tliet snin qabel għandha tkun ta' mill-inqas 82 % (perċentwal tal-2019: 80.9 %).

Il-lista ta' miri li għandhom jintlaħqu sal-2030 se tkun pjuttost simili iżda se tinkludi wkoll indikatur dwar il-ħiliet diġitali. L-indikaturi adottati se jiġu monitorjati permezz ta' korp ta' governanza stabbilit biex jimplimenta ż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni.

## IL-KISBIET

### A. Edukazzjoni u impjieg

Fl-2016, il-Kummissjoni ppubblikat il-komunikazzjoni bit-titolu "Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa" (COM(2016)0381), li fiha pproponiet għaxar azzjonijiet biex in-nies jiġu mgħammra bil-ħiliet meħtieġa fis-suq tax-xogħol:

— garanzija għall-ħiliet biex tgħin lill-adulti b'livell baxx ta' ħiliet jiksbu livell minimu ta' litteriżmu, numeriżmu u ħiliet diġitali;

— rieżami tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki;

— "Koalizzjoni għall-Ħiliet u l-Impjiegi Diġitali" biex tappoġġa l-kooperazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati fl-edukazzjoni, l-impjiegi u l-industrija;

— "Pjan ta' Azzjoni għal Kooperazzjoni Settorjali dwar il-Ħiliet" biex itejjeb l-għarfien dwar il-ħiliet;

— "Għodda ta' Profil tal-Ħiliet għaċ-Ċittadini ta' Paajjiżi-Terzi" biex tappoġġa l-identifikazzjoni bikrija u t-tfassil ta' profili tal-ħiliet u l-kwalifiki tal-migranti;

— Appoġġ għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, partikolarment permezz ta' avvenimenti u attivitajiet fi ħdan il-Ġimgħa Ewropea tal-Ħiliet Vokazzjonali;

— rieżami tar-Rakkomandazzjoni dwar il-Kompetenzi Ewlenin għat-Tagħlim tul il-Ħajja,

— rieżami tal-Qafas Europass;

— Proposta għal Rakkomandazzjoni għal Stħarriġ dwar is-Sitwazzjoni tal-Gradwati bil-għan li jitjieb il-fehim tal-prestazzjoni tal-gradwati wara l-esperjenzi tagħhom fl-edukazzjoni u t-taħriġ;

— L-analiżi u kondiviżjoni tal-aħjar prattiki biex jiġi ġestit il-moviment ta' persuni b'ħiliet għolja u kwalifikati bejn il-pajjiżi ("l-eżodu ta' mħuħ").

**B.** Erasmus

Erasmus+ huwa l-programm tal-UE għall-qasam tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport għall-perjodu 2014-2020. L-objettivi speċifiċi segwiti mill-programm Erasmus + huma: 1) li jittejjeb il-livell ta' kompetenzi u kapaċitajiet ewlenin, b'mod partikolari fir-rigward tar-rilevanza tagħhom għas-suq tax-xogħol u l-kontribut tagħhom għal koeżjoni soċjali; 2) li jitrawmu t-titjib fil-kwalità, l-eċċellenza fl-innovazzjoni u l-internalizzazzjoni fil-livell tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ; 3) li jiġu promossi l-emerġenza u s-sensibilizzazzjoni dwar żona Ewropea ta' tagħlim tul il-ħajja maħsuba biex tikkumplimenta riformi politiċi fil-livell nazzjonali; 4) li tissaħħaħ id-dimensjoni internazzjonali tal-edukazzjoni u t-taħriġ; 5) li jittejjeb it-tagħlim tal-lingwi. Għas-settur tal-edukazzjoni, il-programm qed jilħaq dawn l-objettivi permezz ta' qafas ta' azzjonijiet ewlenin:

— Azzjoni Ewlenija 1: il-mobilità fit-tagħlim tal-individwi;

— Azzjoni Ewlenija 2: il-kooperazzjoni għall-innovazzjoni u l-iskambju ta' prattiki tajbin;

— Azzjoni Ewlenija 3: appoġġ għar-riforma tal-politika.

**C.** Kisbiet oħra

Matul dawn l-aħħar tliet snin, il-Kunsill approva sensiela ta' rakkomandazzjonijiet biex tiġi implimentata ż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni. Wara l-adozzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li jirrikonoxxi li t-tfal għandhom dritt għal servizzi edukattivi u ta' kura bikrija bi prezz li jintlaħaq u ta' kwalità għolja, il-Kunsill approva f'Mejju 2019 rakkomandazzjoni dwar dwar sistemi ta' edukazzjoni u kura bikrija ta' kwalità għolja tat-tfal[2]. Filwaqt li esprimew tħassib li qed jikber dwar it-tagħlim fil-livell sekondarju, ir-rakkomandazzjonijiet iffokaw ukoll fuq il-promozzjoni tal-valuri

komuni, l-edukazzjoni inkluživa u d-dimensjoni Ewropea tat-tagħlim (Mejju 2018)[3], dwar ir-rikonoxximent reċiproku awtomatiku ta' kwalifiki tal-edukazzjoni għolja u tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell sekondarju għoli u l-eżiti tal-perjodi ta' apprendiment barra mill-pajjiż (Novembru 2018)[4] u dwar approċċ komprensiv lejn it-tagħlim u l-apprendiment tal-lingwi (Mejju 2019)[5]. L-UE varat ukoll l-inizjattiva "Universitajiet Ewropej" u tappoġġa l-użu tal-Kard Ewropea tal-Istudenti[6].

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament dejjem appoġġa l-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ u jinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' dimensjoni Ewropea fil-politiki tal-edukazzjoni tal-Istati Membri. Jipparteċipa b'mod attiv fiċ-ċiklu ta' politika marbut mal-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2020.

### A. Erasmus

Fir-riżoluzzjoni tal-14 ta' Settembru 2017 tiegħu, il-Parlament irrikonoxxa l-impatt estremament pożittiv tal-programm Erasmus+. Huwa enfasizza li l-programm il-ġdid għandu jkun aktar miftuħ u aċċessibbli, u ġibed l-attenzjoni għad-diffikultajiet b'rabta mar-rikonoxximent tal-krediti tas-Sistema Ewropea għall-Akkumulazzjoni u t-Trasferiment ta' Krediti (ECTS). Huwa talab biex tinħoloq kard Ewropea elettronika tal-istudenti biex toffri lill-istudenti aċċess għas-servizzi fil-livell Ewropew. Il-Membri enfasizzaw il-ħtieġa li jiġu promossi ċ-ċittadinanza attiva, l-edukazzjoni ċivika u l-identità Ewropea permezz ta' dan il-programm. Fit-13 ta' Marzu 2019, fil-kuntest tal-Brexit, il-Parlament adotta wkoll riżoluzzjoni dwar il-kontinwazzjoni ta' attivitajiet ta' mobilità għat-tagħlim li għaddejjin taħt il-Programm Erasmus+ fil-kuntest tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE.

F'Diċembru 2020, il-Parlament u l-Kunsill laħqu ftehim proviżorju dwar il-programm Erasmus+ għall-perjodu 2021-2027, li huwa mistenni li jkollu baġit ta' aktar minn EUR 26 biljun (meta mqabbel ma' EUR 14,7 biljun fil-perjodu preċedenti). L-edizzjoni l-ġdida ta' dan il-programm għandha żżid il-parteċipazzjoni ta' persuni b'inqas opportunitajiet minħabba, pereżempju, id-diżabilità, id-distanza ġeografika jew il-faqar. Erasmus+ se jappoġġa t-tagħlim tul il-ħajja għall-istudenti adulti. Il-formalitajiet amministrattivi se jiġu ssimplifikati u l-aċċess għall-fondi strutturali se jkun possibbli permezz ta' "siġill ta' eċċellenza" għall-proġetti mhux magħżula fil-qafas tal-programm. Fl-aħħar nett, il-programm se jikkontribwixxi għall-objettivi klimatiċi tal-UE permezz ta' miżuri biex titnaqqas l-impronta klimatika tiegħu.

### B. Edukazzjoni u impjieg

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (CULT) u l-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (EMPL) fasslu rapport konġunt fuq inizjattiva proprja dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa". Ir-riżoluzzjoni ġiet adottata fil-Parlament fl-14 ta' Settembru 2017[7]. Il-Parlament irrakkomanda approċċ olistiku għall-iżvilupp tal-edukazzjoni u l-ħiliet, u stieden lill-Istati Membri biex mhux

[3]ĠU C 195, 7.6.2018, p. 1-5.
[4]ĠU C 444, 10.12.2018, p. 1-8.
[5]ĠU C 189, 5.6.2019, p. 15-22.
[6]Għal aktar informazzjoni, ara l-Iskeda Informattiva 3.6.4 dwar l-Edukazzjoni Għolja.

biss jiffukaw fuq il-ħiliet tal-impjegabilità, iżda wkoll il-ħiliet li huma utli għas-soċjetà. Kwistjonijiet oħra msemmija kienu l-iżvilupp ta' approċċ aktar komprensiv għat-titjib tal-ħiliet tal-migranti, l-investiment fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, it-tisħiħ tal-opportunitajiet tat-tagħlim tul il-ħajja, it-tisħiħ tar-rwol ewlieni tat-tagħlim mhux formali u informali kif ukoll it-trawwim tal-ħiliet diġitali, tax-xjenza, tat-teknoloġija, tal-inġinerija u tal-matematika (STEM).

Il-Kumitati CULT u EMPL flimkien fasslu rapport leġiżlattiv dwar il-proposta tal-Kummissjoni dwar aġġornament tal-qafas tal-Europass. Il-qafas il-ġdid tal-Europass ġie adottat fit-18 ta' April 2018 permezz tad-Deċiżjoni (UE) 2018/646 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

**C.** Oqsma speċifiċi oħra

Barra minn hekk, il-Parlament jieħu interess kbir fil-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar oqsma speċifiċi tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Ir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' April 2014 dwar teknoloġiji ġodda u riżorsi edukattivi miftuħa, tat-8 ta' Settembru 2015 dwar il-promozzjoni tal-intraprenditorija fost iż-żgħażagħ permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ, tat-12 ta'Settembru 2017 dwar edukazzjoni akkademika avvanzata u mill-bogħod bħala parti mill-istrateġija Ewropea għat-tagħlim tul il-ħajja, tat-12 ta' Ġunju 2018 dwar il-modernizzazzjoni tal-edukazzjoni fl-UE u tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar l-edukazzjoni fl-era diġitali: sfidi, opportunitajiet u tagħlimiet għat-tfassil tal-politika tal-UE huma xi eżempji. Matul is-sena 2021, il-Parlament għandu wkoll jesprimi l-pożizzjoni tiegħu dwar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Pjan ta' Azzjoni dwar l-Edukazzjoni Diġitali 2021-2027 - Tfassil mill-ġdid tal-edukazzjoni u t-taħriġ għall-era diġitali (COM(2020)0624).

Pierre Hériard
12/2020